**11 ta' Ġunju, 1984**

**Imħallfin:-**

**Onor. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Vincenza Sant

*versus*

Anthony Agius

## Bar - Lokazzjoni - *Juke Box*

*L-attriċi ppremettiet illi kriet lill-konvenut bar, u li fost il-kondizzjonijiet kellu jiehu hsieb u jsewwi jekk ikun il-kaz il-*juke box, *li jaqsam fil-proporzjonijiet pattwiti l-profitt mill-*juke box, *li jaghmel meter gdid ghall-konsum ta' l-elettriċità u l-ilma, talbet ukoll illi l-konvenut jiġi inibit milli jaghmel uzu minn* juke box *ohra.*

*L-Ewwel Qorti laqghet in parti t-talbiet ta' l-attriċi fejn ikkundannat lill-konvenut sabiex fi zmien xahar jipprovdi ghall-*meter *ghall-konsum ta' l-elettriku u l-ilma spejjez bin-nofs u inibiet lill-konvenut milli jaghmel uzu minn* juke box *ohra.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irriformat is-sentenza appellata fis-sentenza illi in kwantu kkonfermat l-ordni sabiex isir il-*meter *relattiv, ċahdet it-talbiet l-ohra attriċi.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata quddiem il-Qorti tal-Kummerċ li biha l-attriċi, wara li ppremettiet li hi tikri lill-konvenut il-ħanut bl-isem ta' "Silver Eagle Bar", nru. 66, Triq il-Kbira, ir-Rabat, in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor

Joseph Spiteri, tas-16 ta' Settembru, 1974; illi fost il-kondizzjonijiet ta' l-istess kirja l-konvenut obbliga ruħu li: (1) jieħu ħsieb u jsewwi jekk ikun il-każ, il-*juke box* li hemm fl-istess ħanut, u li l-qligħ tagħha jinqasam kwantu għall-erbgħin fil-mija lill-attriċi u kwantu għall-bqija għall-konvenut (kondizzjoni 4 ta' l-istess att); (2) li jagħmel arloġġ ġdid tad-dawl f'dan il-ħanut, kif ukoll ta' l-ilma (kondizzjoni 8 ta' l-istess att); illi l-konvenut mhuwiex iżomm dan il-ħanut kif obbliga ruħu li jagħmel; illi l-konvenut naqas miż-żewġ kondizzjonijiet fuq imsemmija, u anke qiegħed jagħmel użu minn *juke box* oħra, li jekk għandu permess għaliha dana ġabu b'kontravvenzjoni ta' l-istess kuntratt; prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun talbet li jgħid il-konvenut għaliex għar-raġunijiet premessi m'għandux jiġi kkundannat li: (1) fi żmien qasir u perentorju huwa jagħmel l-arloġġ ta' l-ilma u d-dawl fil-ħanut in eżami kif obbliga ruħu li jagħmel u in difett għaliex l-attriċi mgħandhiex tiġi awtorizzata tagħmel dan hija a spejjeż tal-konvenut; (2) għaliex m'għandux jiġi kkundannat iħallas lill-attriċi sehemha mill-profitt tal-*juke box* f'dak l-ammont li jiġi stabbilit minn dik l-Onorabbli Qorti okkorrendo anke permezz ta' periti eligendi; (3) jiġi inibit milli jagħmel użu minn *juke box* oħra fl-istess ħanut; (4) li jsewwi l-*juke box* u kull ma hemm bil-ħsara fl-istess ħanut, bl-interessi kummerċjali fuq kull ammont hekk dovut. B'riserva għal kull azzjoni oħra, speċjalment dik tad-danni, spettanti lill-attriċi;

Rat l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u ċjoè illi:

Il-*juke box* imsemmija fiċ-ċitazzjoni hi tant qadima li ma tistax tiffunzjona iżjed, u, skond parir tekniku, ma tistax tissewwa iżjed. B'dan hu ilu li avża lill-attriċi; mill-bqija m'hemm xejn iżjed bil-ħsara fil-ħanut;

Illi l-eċċipjent ma obbliga ruħu li jagħmel ebda arloġġ ta' l-ilma u dawl fil-ħanut in kwistjoni, iżda l-kondizzjoni nru. 6 ta' l-att ta' lokazzjoni riferita fiċ-ċitazzjoni tfisser biss li jekk isir dan, l-ispiża tiġi ssopportata ndaqs bejn il-kontendenti;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenut u l-lista taxxhieda tiegħu;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tal-15 ta' Ottubru, 1981 li permezz tagħha ddeċidiet billi laqgħet l-ewwel, it-tielet u r-raba' talbiet u għalhekk a bażi ta' l-ewwel domanda tat xahar żmien lill-konvenut biex huwa jagħmel l-arloġġ ta' l-ilma u d-dawl fil-ħanut *de quo* u dan *ai termini* tal-klawsola 8 tal-kuntratt u dan a spejjeż bin-nofs bejn il-partijiet u fin-nuqqas awtorizzat lill-attriċi li tagħmel dan ix-xogħol hi a spejjeż tal-konvenut; (2) inibiet lill-konvenut milli jagħmel użu minn *juke box* oħra flok ta' l-attriċi fil-ħanut; tat lill-esponent xahar żmien biex huwa jsewwi l-*juke box* li ħallietlu hemm l-attriċi fl-istess ħanut; billi ma nġibu ebda provi rigward it-tieni domanda, ċaħdet l-istess domanda ta' l-attriċi. L-ispejjeż jitħallsu skond it-telf u rebħ reċiproku u dan kollu wara li kkunsidrat:

L-attriċi qed tallega illi tikri lill-konvenut, il-ħanut bl-isem "Silver Eagle Bar", numru 66, Triq il-Kbira, ir-Rabat, in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri, tas-16 ta' Settembru, 1974, bil-kondizzjonijiet kollha hemm stipulati. Hi qed tallega li l-konvenut kiser il-kondizzjonijiet ta' l-istess kuntratt u qed tagħmel din il-kawża;

F'din il-kawża qed titlob lil din il-Qorti biex: (1) tikkundannah biex fi żmien qasir u perentorju huwa jagħmel l-arloġġ ta' l-ilma u d-dawl fil-ħanut in eżami kif obbliga ruħu li jagħmel u in difett tawtorizza lill-attriċi tagħmel dan hi; u (2)

tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi sehemha mill-profitti tal-*juke box* f'dak l-ammont li jiġi stabbilit minn din il-Qorti: (3) tinibixxi lill-konvenut milli jagħmel użu minn *juke box* oħra fl-istess ħanut; u (4) li jsewwi l-*juke box* u kulma hemm bil-ħsara fl-istess ħanut;

L-eċċezzjoni tal-konvenut hija fis-sens illi: (1) il-*juke box* imsemmija fiċ-ċitazzjoni hi tant qadima li ma tistax tiffunzjona iżjed u skond parir tekniku ma tistax tissewwa iżjed. B'dan hu ilu li avża lill-attriċi, mill-bqija m'hemm xejn iżjed bil-ħsara fil-ħanut: (2) li l-eċċipjent ma obbligax ruħu li jagħmel ebda arloġġ ta' l-ilma u dawl fil-ħanut in kwistjoni, iżda l-kondizzjoni nru. 8 ta' l-att ta' lokazzjoni riferita fiċ-ċitazzjoni tfisser biss li jekk isir dan, l-ispiża hija ssopportata indaqs bejn il-kontendenti;

Iċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fl-14 ta' Awissu, 1978 u l-kawża baqgħet tiġi ddifferita biex l-attriċi tesebixxi kopja legali tal-lokazzjoni sas-7 ta' Novembru, 1979, meta din ġiet esebita b'nota u tinsab a fol. 10 tal-proċess. Dan il-kuntratt ġie ppubblikat fis-16 ta' Settembru, 1974;

Skond il-kondizzjoni numru 4 hemm imniżżel hekk: "Fl-istess ħanut fuq imsemmi tinsab *juke box* u l-manutenzjoni kif ukoll ir-riparazzjoni tagħha jitħallsu mill-komparent Anthony Agius, waqt li l-qligħ tagħha jinqasam in rigward erbgħin fil-mija teħodhom Vincenza Sant u r-rimanenti a favur tal-komparenti Anthony Agius;

Skond is-7 kondizzjoni "l-permessi li jinsabu fuq l-istess ħanut ser jibqgħu fuq isem Vincenza Sant, però jitħallsu mill-komparent Anthony Agius, li jkun responsabbli huwa personali ta' l-istess permessi; però rigward il-permess tar-Royal Performance Society, ikun irid jitħallas minn Vincenza Sant;

Il-kondizzjoni numru 8 imbagħad tistipula li l-ispejjeż ta' l-għeluq tal-bieb u tieqa bejn il-ħanut fuq imsemmi u l-fond numru sitta u sittin ittra A. jinqasmu bin-nofs. kif ukoll l-ispejjeż neċessarji sabiex isiru arloġġ tad-dawl u l-ilma ġodda għall-ħanut;

L-attriċi tat ix-xhieda tagħha fid-9 ta' Jannar, 1980. Din qalet li hi kienet krietlu l-ħanut in kwistjoni bil-kuntratt fuq imsemmi. Il-konvenut sa dakinhar ma kienx għadu applika għall-arloġġ ta' l-ilma u dawl. Barra minn dan, il-konvenut fi Frar, 1978, warrab il-*juke box* tagħha u poġġa oħra minflokha u hija ħallset xorta Lm10.50 fis-sena għall-*copyright*. Meta kienet tatu l-*juke box* din kienet tajba. Dakinhar ma kinitx taf f'liema stat kienet;

Wara, din il-kawża baqgħet differita diversi drabi għall-provi tal-konvenut, però dan għad li kellu okkażjoni jressaq provi baqa' ma għamilx hekk u għas-seduta tal-bieraħ, 14 ta' Ottubru, 1981 fil-11.30 a.m., seduta ffissata bil-ħin, il-konvenut u d-difensur tiegħu baqgħu ma dehrux. Fis-seduta tal-bieraħ, l-attriċi esebiet b'nota kont ta' l-ilma u dawl mibgħut lilha fuq il-ħanut;

Skond il-klawsola numru 8 tal-kuntratt *de quo*, il-konvenut kellu jdaħħal l-arloġġ ta' l-ilma u dawl ġodda li l-konvenut ma għamilx u l-ispejjeż għal dan għandhom jinqasmu bejn tnejn;

Fil-fehma ta' din il-Qorti (hi trid toqgħod fuq il-ftit provi li ġew prodotti fil-kawża) l-attriċi irnexxielha tipprova biss dak li jolqot l-ewwel, it-tielet u r-raba' talbiet li hemm fiċ-ċitazzjoni. Hija infatti ma ressqet ebda provi dwar it-tieni, fis-sens li ma tressqet lanqas l-iċken prova. Lanqas li l-*juke box*, almenu ħadmet fil-perijodu mill-kuntratt 11 ta' Settembru, 1974 sa Frar, 1978 meta l-konvenut neħħiha u daħħal oħra";

Rat a fol. 39 tal-proċess in-nota ta' l-appell tal-konvenut u a fol. 40 sa 44 il-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li permezz tagħha talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi, wara li tisma' l-provi kollha tiegħu u anke tieħu l-opinjoni esperta dwar il-*juke box* ta' l-appellata, tgħaddi biex tikkonfermaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn ċaħdet it-tieni talba ta' l-attriċi u tirrevokaha in kwantu għall-bqija u b'hekk it-talbiet ta' l-attriċi jiġu kollha miċħuda u dana bi spejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess attriċi appellata;

Rat a fol. 47 ir-risposta ta' l-appell ta' l-attriċi li biha għar-raġunijiet fiha indikati talbet il-konferma tas-sentenza appellata;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel parti ta' l-aggravju ta' l-appellant tikkonsisti f'li ġej u ċjoè illi l-Ewwel Qorti kkonkludiet dwar l-ewwel, it-tielet u r-raba' domanda fuq ix-xhieda ta' l-attriċi biss, mentri kien jidher ċar li tali xhieda kienet insuffiċjenti anke mill-istess eċċezzjonijiet u oltre dan għamlet anke apprezzament ħażin tal-ftit provi li kellha;

Ikkunsidrat fuq dan l-aggravju:

Illi, effettivament, mhux korrett l-appellant meta jsostni li l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha biss ix-xhieda ta' l-attriċi quddiemha u dana għaliex jidher ċar mill-korp tas-sentenza appellata li inoltre eżaminat ukoll il-kuntratt esebit a fol. 11 sa 13 tal-proċess... *omissis* ...;

Ikkunsidrat għalhekk:

Illi l-ewwel kawżali taċ-ċitazzjoni kienet li, skond il-kuntratt esebiet, il-konvenut kien obbliga ruħu li jieħu ħsieb u jsewwi, jekk ikun il-każ, il-*juke box* li hemm fl-istess ħanut u li l-qliegħ tagħha jinqasam kwantu għal 40% lill-attriċi u kwantu għall-bqija għall-konvenut. Ma' din il-kawżali l-attriċi riedet ukoll li l-konvenut naqas minn dan l-obbligu u qiegħed anke jagħmel użu minn *juke box* oħra li jekk għandu permess għaliha dan ġabu b'kontravvenzjoni ta' l-istess kuntratt;

Effettivament mill-kuntratt esebit fil-klawsola numru erbgħa l-kontraenti ftehmu kif ġej:

"(4) Fl-istess ħanut fuq imsemmi tinsab *juke box* u l-manutenzjoni kif ukoll ir-riparazzjoni tagħha jitħallsu mill-komparent Anthony Agius, waqt li l-qliegħ tagħha jinqasam in rigward erbgħin fil-mija teħodhom Vincenza Sant u r-rimanenti a favur tal-komparent Anthony Agius";

Fir-rigward ta' dan kollu l-attriċi talbet li: (1) il-konvenut jiġi kkundannat iħallasha sehemha mill-profitti tal-*juke box*; (2) il-konvenut jiġi inibit milli jagħmel użu minn *juke box* oħra fl-istess ħanut; u (3) li jsewwi l-*juke box*;

F'dan ir-rigward xehdet l-attriċi, li kulma qalet kien dan:

Li l-konvenut kien warrab il-*juke box* fi Frar, 1978 u flokha ġab oħra;

Li lilha ma ta xejn mill-qligħ tal-*juke box*;

Li l-*juke box* kienet ikkonsenjatilu tajba;

il-konvenut, għar-raġunijiet miġjuba fil-petizzjoni ta' l-appell la xehed u lanqas ġab provi;

L-Ewwel Qorti fl-isfond ta' dan kollu ddeċidiet billi, fl-ewwel lok ċaħdet it-talba għal-likwidazzjoni u ħlas tas-sehem spettanti lill-attriċi mill-qligħ tal-*juke box* stante nuqqas ta' provi. Ma hemmx dubbju li din il-parti tas-sentenza appellata kienet l-unika waħda li legalment l-Ewwel Qorti setgħet tasal għaliha. Infatti, fir-rigward ta' din it-talba l-attriċi ma ġabet ebda provi;

Għar-rigward tat-talbiet l-oħra u li jirrigwardaw il-*juke box*, l-Ewwel Qorti laqgħethom u din il-Qorti, wara li ħasbet fit-tul fuqhom, hi tal-fehma li għandha taqbel ma' l-appellant li l-Ewwel Qorti ma kellhiex biżżejjed biex tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha;

Infatti, l-eċċezzjoni tal-konvenut, fir-rigward tal-*juke box*, kienet u baqgħet li l-istess hi llum irriparabbli. Veru li l-konvenut ma xehed u ma ġabx provi però l-eċċezzjoni kienet quddiem il-Qorti u ma setgħetx l-Ewwel Qorti tassumi bħala fatt li l-*juke box* kienet bil-ħsara u setgħet tissewwa meta l-istess attriċi tgħid li ma tafx x'fiha u l-konvenut jgħid li ma tissewwix. Aktar u aktar għalhekk ma setax jiġi ordnat il-konvenut isewwieha mingħajr ma qabel jiġi stabbilit eżattament xi ħsarat għandha u tistax tissewwa;

Oltre dan imbagħad, hemm konsiderazzjoni oħra. L-Ewwel Qorti inibiet lill-konvenut milli jagħmel użu minn *juke box* oħra fl-istess ħanut. Il-motivazzjoni wara din il-parti tas-sentenza appellata però, bir-rispett kollu, ma tirriżulta mill-ebda parti tagħha. Jidher li probabbilment l-Ewwel Qorti assumiet li l-konvenut kellu juża l-*juke box* ta' l-attriċi u mhux iġib oħra. Sa hawn l-argument kien ireġi kieku l-Ewwel Qorti kellha ċ-

ċertezza li l-*juke box* ta' l-attriċi setgħet tissewwa u titħaddem però mhux talli l-attriċi ma xehdet xejn fuq dan imma qalet li ma tafx f'liema stat tinsab u l-konvenut sostna li kienet irriparabbli. U jekk verament kienet irriparabbli minn fejn jista' wieħed jasal għall-konklużjoni li l-konvenut hu pprojbit milli jġib oħra fil-ħanut tiegħu? Il-kuntratt ma jgħidx hekk u f'din il-kwistjoni ma tidħol ebda kwistjoni ta' permessi għax permessi għal *juke box* evidentement diġà hemm;

L-appell interpost kwantu jirrigwarda l-*juke box* għalhekk ser jiġi akkolt;

Ikkunsidrat dwar l-ewwel talba ta' l-attriċi kif dedotta fiċ-ċitazzjoni u kif milqugħa mill-Ewwel Qorti;

L-attriċi fiċ-ċitazzjoni ppremettiet li l-konvenut kien fit-termini tal-kundizzjoni numru 8 tal-kuntratt imsemmi obbliga ruħu li jagħmel arloġġ ġdid tad-dawl fil-ħanut in kwistjoni kif ukoll ta' l-ilma u li baqa' inadempjenti f'dan ir-rigward;

Meta xehdet l-attriċi sempliċement qalet li l-konvenut kien għadu ma applikax għall-arloġġ tad-dawl;

Il-klawsola numru 8 tal-kuntratt esebit kien jistipula:

"L-ispejjeż ta' l-għeluq tal-bieb u tieqa bejn il-ħanut fuq imsemmi u l-fond numru sitta u sittin ittra "A", jinqasam bin-nofs, kif ukoll l-ispejjeż neċessarji sabiex isiru arloġġ tad-dawl u l-ilma ġodda għall-ħanut";

Il-konvenut kien eċċepixxa li hu ma kienx obbliga ruħu li jagħmel ebda arloġġ ta' l-ilma u dawl fil-ħanut in kwistjoni iżda l-kondizzjoni numru 8 tal-kuntratt tfisser biss li jekk isir dan, l-

ispiża tiġi ssoportata ndaqs bejn il-kontendenti;

L-Ewwel Onorabbli Qorti laqgħet it-talba relattiva ta' l-attriċi billi tat lill-konvenut xahar żmien biex huwa jagħmel l-arloġġ ta' l-ilma u d-dawl fil-ħanut *de quo* u dan *ai termini* tal-klawsola 8 tal-kuntratt u dan a spejjeż bin-nofs bejn il-partijiet. Fl-istess nifs però l-istess Qorti pprovdiet illi fin-nuqqas kienet qed tawtorizza lill-attriċi li tagħmel ix-xogħol hi a spejjeż tal-konvenut;

Hu evidenti li dan l-aħħar disposittiv ma jistax isib bażi fl-isfond tal-kuntratt viġenti bejn il-kontendenti. Infatti, jagħmlu min jagħmlu x-xogħol l-ispiża tkun issopportata bin-nofs bejniethom u għalhekk l-attriċi ma setgħetx titlob u l-Qorti ma setgħetx takkorda illi f'każ li l-konvenut jibqa' inadempjenti x-xogħol isir mill-attriċi a spejjeż esklussivi tal-konvenut. F'dan ir-rigward għalhekk, il-parti relattiva tas-sentenza żgur ma tistax tkun ikkonfermata. Din il-Qorti però, hi ukoll tal-fehma illi lanqas il-parti l-oħra tas-sentenza appellata u li tirrigwarda l-*meters* tad-dawl u ta' l-ilma ma tistax tiġi kkonfermata. Jidher ċar infatti li kemm l-attriċi kif ukoll l-Ewwel Qorti kienu qed jassumu illi fit-termini tal-kuntratt imsemmi l-konvenut kien intrabat li jdaħħal dawn il-*meters*. Din l-assunzjoni però hi waħda gratuwita għax ma tirriżulta minn imkien. Infatti, mill-klawsola 8 imsemmija, la jirriżulta li l-konvenut assuma xi obbligu bħal dan, kif lanqas ma hemm indikat seta', kif u minn min għandhom isiru x-xogħlijiet ta' egħluq ta' bieb, tieqa u dħul ta' *meters*. Hemm biss stipulat li l-ispejjeż relattivi jitħallsu bin-nofs, però, m'hemm xejn x'juri li dak li qed titlob l-attriċi mill-konvenut ma setax jew ma jistax jitolbu hu minnha. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk anke għar-rigward ta' din il-parti tas-sentenza l-appell ser jiġi akkolt;

Ikkunsidrat inoltre:

Illi l-appellant kien ukoll ilmenta mill-mod kif l-Ewwel Qorti ċaħditu milli jġib il-provi tiegħu u anke għamel sottomissjonijiet dwar il-verbal tas-seduta penultima quddiem l-Ewwel Qorti. Fiċ-ċirkostanzi però din il-Qorti mhix sejra tidħol fil-meritu ta' l-aggravji relattivi peress li issa, stante dak li ġà ingħad, tali eżerċizzju jkun superfluwu. Oltre dan l-appellata insistiet li l-kawża tiġi deċiża fuq il-provi li semgħet l-Ewwel Qorti;

Għal dawn il-motivi għalhekk, tiddisponi mill-appell interpost billi tilqa' l-istess fis-sens li ġej u ċjoè billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ċaħdet parti mit-talbiet attriċi u tirrevokaha in kwantu laqgħet it-talbiet l-oħra ta' l-attriċi u minflok tiċħad l-istess talbiet. L-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-Prim'Istanza jiġu ssopportati mill-attriċi appellata.